

# Second Division League



## MELLIEHA………..1 ST.ANDREW'S……..2

[H.T. 0-0]

Sko: own-goal R. Briffa

Jidher li l-isfortuna ma tridx thallina dan l-istagun, ghaliex tlifna loghba ohra li ma kienx haqqna nitilfu. Wara li qsamna l-loghob ma l-avversarji matul il-loghba, fejn f'xi hinijiet konna anke ahjar minnhom, soffrejna gowl filhin zejjed mizjud mir-referee.

Fl-ewwel taqsima kien Hubert Vella li seta fetah l– iskor, izda bir-ras xehet ftit gholi, filwaqt li l-istess player rega resaq vicin kif bdiet it-tieni taqsima, b'daqqa ta' ras ohra li l-gowler tefa b'diffikulta f'korner. Fit-66 minuta St. Andrew's fethu li skor wara azzjoni ta' korner, u domna 17 il-minuta biex gibna d-draw, meta difensur avversarju, xellef il-ballun ghal gol-lasta tieghu stess, minn free-kick ta' Reuben Vella. Meta hsibna li kien irnexxielna nakkwistaw draw misthoqq, wasal il-gowl tar-rebha ta' St. Andrew's, propju fl-ahhar azzjoni tal-loghba.

Kurzitajiet:- Kienet il-100 loghba ta' Wayne Borg St.John mal-Mellieha. S'issa skorja 44 gowl u huwa l-aqwa skorer ta' kull zmien tal-Mellieha. Warajh bi 42 goal hemm Stephen Deguara li izda m'ghadhux attiv. Matthew Borg ghaqqad it-30 presenza mal-Mellieha.

Formazzjoni:- D. Vella, C. Borg [M.Borg], L. Cauchi, H. Vella, F. Vella, M. Debono, K. Gauci, J. Debono [G. Naudi], Reub. Vella, W. Borg St.John, J. Gauci.

## MELLIEHA………0 GZIRA UTD………1

[H.T.0-0]

L-ewwel round spiccajnih b'telfa ohra, li kienet ir-raba' wahda konsekuttiva. Is-sitwazzjoni fil-klassifika hija tassew kerha, izda baqa rawnd shih x'jintlaghab u ghad fadal loghob biex nirkupraw punti bizzejjed, biex ma nispiccawx ma' l-ahhar tlieta kif qeghdin issa. Din il-loghba kienet wahda bilancjata u kellu jkun gowl sfortunat li iddecidiha, meta fis-70 minuta, xutt minn kwazi nofs il-grawnd qarraq bil-gowler Melliehi David Vella u spicca fix-xibka. Kien fadal hin bizzejjed biex nsalvaw almenu draw u l-ahjar cans gie fl-ahhar minuti tal-loghba, izda W. Borg St.John tilef din l-opportunita.

Kurzitajiet:- F'din il-loghba iddebutta Terence Borg fl-eta' ta' 18 sena u 5 xhur. Hubert Vella ghaqqad it-80 presenza mal-Mellieha.

Formazzjoni:- D.Vella, C. Borg [K.Spiteri], H. Vella, L. Cauchi [T. Borg], G. Naudi, Ray Vella [J. Gauci], M. Debono, K. Gauci, F. Vella, M. Borg, W. Borg St.John.

## MELLIEHA………1 DINGLI S……….1

[H.T. 0-0]

Sko: Adrian Galea

Ir-ritorn ta' Adrian Galea mal-Mellieha ma' setax ikun ahjar, ghaliex barra li kellu loghba tajba, irnexxielu jiskorja l-gowl li bih meritatament akkwistajna d-draw, fl-ahhar minuti tal-loghba. B'dan il-punt, zammejna l-istess distakk ta' tliet punti li kellna ma' Dingli, li huwa t-tim li qieghed qabilna fil-klassifika. Fl-ewwel taqsima bdejna ahjar mill-avversarji u Mario Debono seta taghna l-vantagg, izda wahdu quddiem il-gowler, gholla wisq il-ballun meta ipprova jqabbizhulu. Ftit wara Dingli kellhom cans tajjeb ukoll wara zball difensiv. Fit-tieni taqsima wara li l-gowler ta' Dingli cahhadna mil-gowl b'zewg saves tajba fuq Adrian Galea, huma kisbu l-vantagg b'daqqa ta' ras minn korner. Kien fadal biss tliet minuti mit-tmiem, meta Adrian Galea b'daqqa ta' ras stupenda, skorja l-gowl tad-draw. Fl-injury time stajna akkwistajna ir-rebha, meta W. Borg St.John gie wicc imb'wicc mal-gowler, izda ixxuttja dghajjef, u l-gowler laqa' facilment.

Kurzitajiet:- Adrian Galea skorja l-20 gowl personali mal-Mellieha. Huwa irritorna b'self minghand Sirens, sa l-ahhar ta' l-istagun. Mark Deguara ex-Lija Ath. misluf ukoll sa' l-ahhar ta' l-istagun, iddebutta f'din il-loghba. Kien l-ewwel draw akkwistat dan l-istagun fil-League wara 11 il-loghba.

Formazzjoni:- D. Vella, F. Vella [K. Spiteri], H. Vella, Ray Vella, G. Naudi, K. Gauci, J. Debono [M. Deguara], M. Debono, M. Borg, Ad. Galea, W. Borg St.John.